MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2915/2002

**Mambra Electronics Ltd**

**Vs**

**Paul Grech**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u disghin lira Maltin u erbgha centezmi (Lm890.04) rappresentanti hlas minnu dovut ghal merkanzija lilu mibjugha u ikkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tal-25 ta' Settembru 2002 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta'l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, deher biss fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2003 u informa lit-Tribunal illi kienet

tezisti possibilita ta’ transazzjoni, izda baqa’ ma pprezentax risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’l-avukat Dr. Frank Cassar, ghan-nom tas-socjeta attrici fis-seduta tas-6 ta’ Gunju 2003, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz kien ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tmien mija u disghin lira Maltin u erba’ centezmi (Lm890.04), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’l-avviz.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------